# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 23 ta' Lulju , 2001**

**Appell Nru 109/2001 VDG**

**Fl-Atti ta’ l-Estradizzjoni fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neville Aquilina)**
**(Spettur Neville Xuereb)**

**v.**

**Ronald Agius**

Il-Qorti,

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali presentata fir-registru ta’ din il-Qorti (cioe` tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) fil-25 ta’ Gunju, 2001 li permezz taghha huwa ezibixxa d-dokumenti mmarkati “AG” u “AG1” “li gew trasmessi, permezz ta’ mezzi diplomatici, lill-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin ta’ Malta mill-Awtoritajiet kompetenti Taljani”;

Rat il-verbal registrat mill-Avukati difensuri ta’ Ronald Agius fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju, 2001;

Rat it-tieni nota ta’ l-Avukat Generali, minnu presentata fil-11 ta’ Lulju, 2001, li permezz taghha huwa ezibixxa d-dokumenti “AG2” “li gew trasmessi, permezz ta’ mezzi diplomatici, lill-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin ta’ Malta mill-Awtoritajiet kompetenti Taljani”;

Rat ir-rikors ta’ Ronald Agius tat-13 ta’ Lulju, 2001 li permezz tieghu talab “li dawn il-provi ma jigux ammessi”;

Semghet kemm lill-Avukati Dott. Emanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran ghall-appellat Ronald Agius, kif ukoll lid-Deputat Avukat Generali Dott. Silvio Camilleri ghall-appellant Avukat Generali; ikkunsidrat:

Dan huwa provvediment limitat ghat-talba tal-appellat Agius sabiex ma jigux ammessi bhala prova id-dokumenti aktar 'l fuq indikati, cioe` id-Dokumenti "AG", "AG1" u "AG2". Huwa jikkontendi, bazikament, li biex dawna d-dokumenti jigu ammessi bhala prova irid jirrisulta li dawn huma provi "godda" fis-sens tal-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali, u cioe` jrid jirrisulta li (1) jew il-prosekuzzjoni ma kienitx taf bihom jew ma setghetx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggibhom quddiem il-qorti rimandanti, jew (2) li dik il-prova tkun giet offerta quddiem il-qorti rimandanti u dik il-qorti rimandanti, bla ma kien imissha, cahdet l-istess prova. In fatti, fl-verbal taghhom tas-26 ta' Gunju, 2001, l-abbili difensuri tal-appellat osservaw li

"…il-provvediment *ad hoc* fl-ligi tal-estradizzjoni [l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 276] ghandu jigi nkwadrat ma' provvedimenti ohra li japplikaw f'gheluq istruttorja kif deciz ukoll mill-kaz ta' Abramovic, kif ukoll inkwardat mal-fatt li d-difiza hija sprovvista mid-dritt taghha ta' appell u osservazzjonijiet ohra; li hekk bir-rispett u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi sottomissjonijiet ulterjuri una volta visti dawn id-dokumenti ghandha ssir il-prova jekk dawn il-provi humiex "godda" fis-sens li kienu maghrufa u jew [setghu] jingiebu fil-kors [tal-proceduri] quddiem il-qorti rimandanti…".

U fir-rikors tieghu tat-13 ta' Lulju, 2001 (aktar 'l fuq imsemmi) l-appellat itenni illi

"…huwa joggezzjona ghall-fatt li dawna l-provi qed jigu prodotti f'dana l-istadju tat-trattazzjoni ta' l-appell ta' l-Avukat Generali…huwa jaghmel riferenza ghall-verbal tas-26 ta' Lulju, 2001 [recta: 26 ta' Gunju, 2001] u ghall-argumenti u oggezzjonijiet hemm sostenuti…".

L-appellant Avukat Generali, minn-naha tieghu, jikkontendi li d-dokumenti "AG", "AG1" u "AG2", u konsegwentement il-prova li hu jrid jaghmel permezz ta' dawn id-dokumenti, huma ammissibbli indipendentement minn dak li jipprovdi l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali, u dan proprju in forza tas-subartikolu (3) tal-Artkolu 22 tal-Att dwar l-Estradizzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Ikun opportun qabel xejn li jigu precizati certi punti. Il-proceduri ta' estradizzjoni fil-ligi taghna, cioe` dawk il-proceduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistghu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (bhalma qed jigri f'dan il-kaz) ma humiex proceduri li fihom persuna tigi <u>imputata</u> jew <u>akkuzata b'reat</u>. Persuna ma tingiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tigi "ggudikata" dwar xi reat; fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda "*criminal charge*" x'tigi "*determined*"; il-proceduri ta' estradizzjoni huma intizi biss sabiex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi (inkluza l-Kostituzzjoni – Art. 43) <u>sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa'</u> (ara ***Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et.*** Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991; ***Anthony Satariano v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija*** Prim Awla tal-Qorti Civili, 15 ta' Lulju, 1997; ara wkoll l-Artikolu 15(3)

tal-Kap. 276). Addirittura l-ordni ghat-treggigh lura lejn il-pajjiz li jkun ghamel it-talba anqas jinghata jew jinhareg minn qorti izda mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja (Art. 21, Kap. 276). Ikun biss jekk dik il-persuna tigi mibghuta lura lejn dak li pajjiz li hija tigi, f'dak il-pajjiz, akkuzata b'reat u processata ghal dak ir-reat jew, jekk it-talba tkun saret minhabba li dik il-persuna tkun "*unlawfully at large*" (ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 276), hija tibda, f'dak il-pajjiz, tiskonta s-sentenza li tkun precedentement inghatatilha f'dak il-pajjiz.

Isegwi, ghalhekk, li l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – huma proceduri *sui generis*, regolati b'ligi specjali, fil-kaz taghna l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276. Certament mhux applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni l-Artkolu 5 tal-Ordinanza dwar it-Tifsir tal-Pieni (Kap. 23), peress li din il-ligi tirrigwarda biss reati li huma gudikabbli mill-qrati Maltin u hi limitata ghal kwistjonijiet ta' piena ghal tali reati (kif jidher car mill-Artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza). Id-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali (Ligijiet ta' Procedura Kriminali) huma applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-Att dwar l-Estradizzjoni. Hekk, per ezempju, il-kompitu inizjali tal-ezami tat-talba ghat-treggigh lura gie mholli mill-imsemmi Att f'idejn "il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' kumpilazzjoni"; din il-qorti giet moghtija isem partikolari – "qorti rimandanti"; u gie ukoll espressament provvdut li din il-qorti "ghandu jkollha ghall-finijiet tal-procedimenti skond dan l-artikolu[1] l-istess setghat, safejn jista' jkun[2], maghduda s-setgha li tibghat f'kustodja jew tehles mill-arrest bi plegg, kif l-imsemmija qorti[3] ghandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel[4]". Minn dana jidher car li l-qorti rimandanti, ghalkemm ghandha s-setghat (safejn dawn huma kompatibbli mal-proceduri ta' estradizzjoni) ta' Qorti Istruttorja, ma tikkonducix istruttorja kif jipprovdi l-Kodici Kriminali, izda ghandha funzjoni u kompitu specjali moghti lilha proprju taht u skond il-Kap. 276. Infatti, li kieku l-qorti rimandanti kellha tigi ekwiparata ghal kollox mal-Qorti Istruttorja, ma kienx ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Kap. 276, invece, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fir-rigward ta' decizzjonijiet tal-Qorti Istruttorja, specifikatament jaghti dritt ta' appell generali kemm lill-persuna li tkun mibghuta taht kustodja mill-qorti rimandanti ghall-finijiet ta' treggigh lura (Art. 18, Kap. 276) kif ukoll, f'kaz li d-decizzjoni tal-qorti rimandanti tkun li t-treggigh lura ma jistax isir, lill-Avukat Generali (Art. 19). Min dan kollu jidher car li l-mod li l-legislatur Malti ried li jigu trattati l-proceduri ta' estradizzjoni, sia quddiem l-ewwel qorti – il-qorti rimandanti – kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hu differenti minn kif jigu trattati kawzi fejn persuna tkun imputata jew akkuzata b'reat quddiem xi wahda mill-qrati taghna.

[1] Art. 15.

[2] "as nearly as may be", fit-test Ingliz.

[3] Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' kumpilazzjoni.

[4] i.e. bhala qorti ta' kumpilazzjoni.

Din id-differenza tidher ukoll fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 276. Kieku l-legislatur ried li quddiem din il-Qorti (cioe` quddiem il-Qorti ta' l-Appell Krminali) f'materja ta' estradizzjoni ikun applikabbli l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali kien jew jaghmel referenza espressa ghal dak l-artikolu, jew ma kien jghid xejn dwar il-provi fl-appell u wiehed kien jista' allura jargumenta li japplika dak l-artikolu. Izda l-legislatur ghazel li jipprovdi xort'ohra; ghalzel li jipprovdi proprju b'mod <u>differenti</u> minn dak li jipprovdi l-imsemmi Artikolu 424. In fatti, is-subartikolu (3) in dizamina jipprovdi espressament li "Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Generali, skond il-kaz ikun jista' kif ukoll tkun tista' l-persuna li t-treggigh lura taghha ikun qed jigi mitlub, tipproduci provi quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wkoll jekk dawk il-provi ma jkunux ingiebu quddiem il-qorti rimandanti". Din id-disposizzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni; hi disposizzjoni cara, u ma taghmel ebda distinzjoni bejn jekk il-parti li tkun trid tipproduci dawk il-provi kienitx taf jew ma tafx b'dawk il-provi meta l-proceduri kienu ghadhom quddiem il-qorti rimandanti, jew jekk setghet jew ma setghetx iggibhom quddiem dik il-qorti. Hu principju elementari tal-ermenewtika legali li *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*. S'intendi, biex jigu kkunsidrati mill-Qorti, il-provi li jingiebu fi stadju ta' appell mill-partijiet iridu jissodisfaw, ghal dawk li huma formalitajiet, dak li jipprovdu l-Artikoli 22(1)(2) u 27 tal-Kap. 276.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirrespingi t-talba ta' l-appellat Ronald Agius, kif migjuba bir-rikors tieghu tat-13 ta' Lulju, 2001, sabiex id-dokumenti "AG", "AG1" u "AG2" ma jigux ammessi bhala prova, salv il-kwistjoni tal-formalitajiet appena msemmija u salv naturalment il-kwistjoni tal-valur probatorju ta' dawn id-dokumenti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur